**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' April 2024**

**<u>Rikors nru :122/2024 AGV;</u>**

**CC**

**U**

**V C**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors Kongunt ta' CC u VC ;**

**Jesponu Bir-Rispett :-**

1. Illi l-kontendenti partijiet zzewgu nhar l-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015), hekk kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom hawn anness u mmarkat bhala **Dok. A**;

2. Illi mir-relazzjoni taghhom ta' qabel iz-zwieg twieldet il-minuri KC nhar it-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009).

3. Illi l-istess partijiet huma legalment separati permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni Konsenswali ppublikat fl-Atti tan-Nutar Dr. Jonathan Vella nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) [Vide **Dok. C**];

4. Illi l-istess partijiet ilhom jghixu separatment minn xulxin ghal diversi snin;

5. Illi ma' hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;

6. Illi ma' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, *stante* li minbarra li ilhom mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi l-Kommunjoni tal-Akkwisti giet xolta permezz tal-istess Kuntratt ta' Separazzjoni Konsenswali su-citat fl-Atti tan-Nutar Dr. Jonathan Vella nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017);

8. Illi l-istess partijiet qieghdin jipprezentaw kopja tal-Affidavit taghhom li qieghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala **Dok. CC01** u **Dok. VC01**;

9. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-Divorzju skont l-Artikolu Sitta u Sittin Ittra Kapitali B (66B) tal-Kodici Civili [Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta].

**Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti partijiet umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :-**

Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti partijiet;

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-istess partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar l- 14 ta' Frar 2015**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**